MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 234/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Kevin Caruana

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Frar, 2002, ghall-habta tal-5.30 p.m., fi Triq Tal-Barrani limiti taz-Zejtun, saq vettura nru. JAO 357 :

1) b'manjiera perikoluza ;
2) traskurata;
3) b'giri aktar milli jmissu;
4) b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti habat ma vettura nru. IAP 593 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Mario Dalli;

5) fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' l-istess Mario Dalli skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslin M.D. ta' S.L.H.;
6) u aktar involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura hafifa salva kumplikazzjonijiet fuq il-persuna ta' Wendy Dalli skond kif iccertifika Dr. Conrad Borg M.D. ta' S.L.H.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-9 t'Ottubru, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 76 15(1)(a)(2), 18(2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 328 u 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-multa ta' mija w hamsin lira Maltin (LM150), kif ukoll issospenditu mill-licenzji kollha tas-sewqan ghal zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 t'Ottubru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjarah innocenti w tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant li fil-qosor huma li :- l-Ewwel Qorti , fil-valutazzjoni w apprezzament taghha tal-provi prodotti , naqset illi taghti piz misthoqq lill-fatt illi l-incident gara minhabba fattur li kien ghal kollox estraneju ghas-sewqan tal-appellant ; li l-Ewwel Qorti jidher li bniet il-konkluzzjonijiet taghha fuq l-entita' tad-danni li rrizultaw u li minn dawn iddecidiet il-qawwa tal-impatt ; illi l-Ewwel Qorti naqset milli taghmel apprezzament dovut dwar dak li sostna l-appellant sa mill-bidu nett , cioe' li hu kien isuq b'velocita' normali izda nqalghet emergenza subitanea (skid) li minhabba fiha tilef il-kontroll tal-vettura u illi l-piena nflitta , partikolarment is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqaan hi ferm gravi , fic-cirkostanzi kollha tal-kaz li kien "pure accident" u anki ghax hu ghandu bzonn il-licenzja minnhabba x-xoghol tieghu w mard fil-familja.

Semghet ix-xiehda mill-gdid fil-kors tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003 u t-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur ;

Rat il-verbal tal-istess seduta li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-feriti fuq il-persuni koncernati huma tan-natura kif jissemmew fic-citazzjoni w li l-entita' tad-danni fil-karozza tal-parti l-ohra mhux in kontestazzjoni.

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Ikkunsidrat ;

Illi dan il-kaz jittratta habta tal-karozza numru JAO 357 misjuqa mill-appellant ma' vettura ohra numru IAP 593 fit-Triq tal-Barrani , limiti taz-Zejtun fis-27 ta' Frar, 2002, ghall-habta tal-5.30 pm. Mill-isketch esebit (fol.5) jidher li l-karozza misjuqa mill-appellant, li kienet qed tinsaq fuq il-karreggjata li minn Birzebbugia tiehu lejn il-Belt, f'hin minnhom qabzet ic-centre strip , ittraversat djagonalment il-karreggjata opposta w , meta waslet fit-tarf l-iehor tal-karreggjata opposta, habtet mall-karozza l-ohra fuq imsemmija. Hemmhekk it-triq kienet ghan-nizla fid-direzzjoni lejn fejn kien isuq l-appellant u ic-centre strip li ttraversat il-vettura tieghu hija gholja xi 15 il-centimetru mill-livell tal-karreggjata li hija miksija bil-hot asphalt jew tarmac u ghandha superficje tajba hafna. Il-velocita' massima regolamentari f' dik il-lokalita' skond l-art. 102 tal- Motor Vehicle Regulations kienet ta' 80 kfs. . L-appellant qed igib il-quddiem id-difiza ta' skid u li hu ma kellux htija ghax dak li gara li kien "accident".

Ikkunsidrat ,

Illi gie ritenut minn din il-Qorti li jekk sewqan hux (1) negligenti ; jew (2) bla kont jew (3) perikoluz hija kwistjoni ta' "degree" (App. Krim. Pol. vs. Charles Bartolo , 14.3.59; Pul vs. Wilson , Vol. XXXIX, p.1018; Pul. vs. Alfred Vella , Vol. XLIV , p. 933 u ohrajn ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom - l-aghar is-sewqan perioluz (App. Krim. Pol. vs. Hardingham , 19.10.63) . Illi ukoll gie ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pol. vs. Charles Farrugia , Vol. XXXIX , p.1018) . "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. "Pul vs. Joseph Aqulina" 20.4.63)

Sewqan negligenti ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV . p.892)

Illi umbaghad gie ukoll ritenut minn din l-Qorti li "accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra . Hawnhekk , ….. jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija ." (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Farrugia , Vol. XXXIII , p.968) Dan ghaliex " jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur" - "in such circumstances , the facts speak for themselves if no explanation is given by the defendant " (Ara DAVIES fil-"Law of Road Traffic" citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fl-appell : "Pul. vs Cassar Desain; 13.1.1962) S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni . Hu veru li skond gurisprudenza aktar recenti , t-teorija ta' "res ipsa loquitur" f' materja penali m'ghadhiex aktar tigi applikata mill-Qrati taghna, pero', kif gie ritenut fl-Appell Kriminali " Il-Pulizija vs. James Abela " [11.7.2002] jistghu jirrizultaw certi provi indizjarji jew "circumstantial evidence" li joholqu certi "presumptions of fact" kontra s-sewwieq , li fl-assenza ta' spjegazzjoni li tilhaq il-grad tal-probabbilta' jistghu anki jwasslu ghall-htija tas-sewwieq.

Illi gie ukoll ritenut li "ma hemmx dubju li l-fatt li driver jitlef il-kontroll tal-karozza w jispicca fuq in-naha l-hazina tat-triq minnu nnifsu hija prova ndizjarja jew "circumstantial evidence" li tohloq "presumption of fact" ta' sewqan hazin , ghax driver suppost li jkollu l-vettura tieghu dejjem taht kontroll." [App. Krim. Pulizija vs. Neville John Psaila ; 20.3.2003]

Illi, kif intqal , fil-kaz in ezami l-appellant qed iqajjem id-diviza tal-"casus" kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li : "F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan . L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti. Hemm bzonn li jigi ndagat jekk kienx

hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti . Jekk negligenza simili tirrizulta , allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid" . Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident" . Ghaldaqstant biex tirmexxi d-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu w li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq . Meta driver jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et simpliciter" , imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu , izda accidentalment b'mod li l-vettura , bla htija tieghu w accidentalment, saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali ." [Il-Pul. vs. Carmel Cachia- Vol. XXXVII , iv. p.920].

Gie ukoll ritenut minn din il-Qorti fl-Appell : Il-Pulizija vs. J. Cost Chritien (Vol. XXXVII , iv. p. 873) li "meta tissuciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat , id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel il-manuvra mehtiega biex jevita w jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar . Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija ."

Ikkunsidrat ,

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi li tressqu quddiemha . Mix-xiehda ta' P. S. 994 Joseph Abela , jirrizulta li dak in-nhar tal-incident it-temp kien bnazzi w l-art kienet xotta .Ma rrizultalux xi zejt jew trab fit-triq ghalkemm is-Surgent kien tela' lura fit-triq biex ifittex. Ir-rota ta' quddiem tax-xellug kienet maqlugha izda hu ma jafx fejn kienet ezatt . Il-hsarat kienu qawwijin u extensive. Il-karozza JAO-357 kellha x-xellug quddiemi kollu , r-rota tax-xellug maqlugha, l-windscreen ta' quddiem u l-bieba ta' wara danneggjat. Il-karozza l-ohra kellha hsara fuq is-saqaf , il-quddiem kollu w z-zewgt ignub. L-appellant kien qallu li kien isuq b' xi 45 kfs u x'hin skorra r-Roc-a-Go garage , ghal xi raguni, l-karozza tieghu skiddjatlu .

L-appellant xehed li kien niezel u ghal xi raguni jew ohra tilef il-kontroll u tqacctitlu r-rota w spiccat ftit ‘l isfel. Mistoqsi mid-difensur tieghu jekk jafx fuq hiex skiddja, l-appellant wiegeb vagament li dik triqtu kulljum u dejjem jara “l-art imtebba’ biz-zejt u hekk “.

Illi kif gja ntqal , kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll , irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta’ . Mela fil-kaz in ezami hu l-appellant li irid jaghmel dan ghaliex il-fatt li hu qabez ic-centre strip , qasam il-karreggjata opposta w dahal fil-vettura gejja fuq is-side taghha mill-faccata , meta mhux suppost , jitfa’ l-oneru ta’ tali spjegazzjoni fuqu . Fil-fehma umili ta’ din il-Qorti l-ispjegazzjoni li ta l-appellant ma tispjegax li dak li gara , sar bla ebda tort tieghu .

Illi fl-assenza ta’ xi tracci ta’ zejt jew xi haga ohra estraneja fis-superficje tat-triq li setghet ipprovokat l-skid tal-vettura tal-appellant skond ix-xiehda li ta s-Surgent Abela , il-fatt li t-temp kien bnazzi w l-art kienet xotta, w, anki jekk jitwemmen l-appellant meta jghid li hu kien ta’ kulljum jara il-wicc tat-triq imtebba’ biz-zejt , ma rrizultat ebda cirkostanza li tispjega ghala hu kellu jiskiddja dak in-nhar u ghala ma skiddjax haddiehor . Tajjeb li jigi rilevat li l-appellant fix-xiehda tieghu qatt ma jghid li tilef il-kontroll ghax tqacctitlu r-rota, imma fl-ordni ta’ kif graw l-affarijiet l-ewwel jghid li ghal xi raguni jew ohra skiddja w mbaghad tqacctitlu r-rota, fatt dan li seta’ kien facilment attribwibbli jew ghall-habta mac-centre strip jew ghall-qawwa tal-impatt mall-car l-ohra . Kieku r-rota tqacctet qabel ma l-car tilfet il-kontroll u bdiet taqsam ghan-naha tal-lemin , wiehed kien jistenna li jsib marki ta’ metall u effetti ta’ brix pronunzjat fis-superficje tat-triq mill-post fejn tkun tqacctet ir-rota sal-post fejn habtet il-vettura tal-appellant u waqftet . Minn dan kollu ma nstab xejn !

Kollox jindika invece li l-appellant kien tilef il-kontroll tal-vettura tieghu ghax kien qed isuq bi speed esagerat ghall-dik il-lokalita’ w ghar-“road holding capabilities” tal-vettura

tieghu . Jigi osservat li hemm hemm “hump” fit-triq u liwja hafifa ftit qabel ma’ tigi ghall-post fejn l-appellant jghid li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu . Dawn iz-zewg fatturi ambjentali fil-fehma tal-Qorti setghu gieghlu li l-vettura li tkun qed tinsaq bi speed gholi , titlef il-kontroll . Kollox jindika li l-speed tal-appellant ma kienx wiehed baxx u dan johrog car mill-provi ndizjarji li juru li hu mhux biss qabez ic-centre strip izda baqa sejjer jaqsam il-karreggjata opposta u habat b’certa forza mall-karozza l-ohra li kkagunat il-hsarat estensivi li ddeskriva s-Surgent. Illi umbaghad gie ukoll ritenut li “speed jista’ jkun eccesiv anki jekk ma jiskorrix il-limiti regolamentari izda jiskorri dak dettat mill-fatturi ambjentali tal-mument.” [App. Krim. Pul. vs. R. Bugeja (30.6.1962) ]

Illi kif gie ritenut fl-appell kriminali “Il-Pulizija vs. Neville John Psaila” [20.3.2003] :-

“il-fatt li vettura tant tohrog mill-kontroll tal-konducent li tispicca kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u tahbat ma “oncoming car” hu l-epitome tas-sewqan hazin u zgur jinkwadra ruhu fil-kontest tas-sewqan perikoluz li bih gie akkuzat u nstab hati l-appellant”

Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti meta sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Illi dwar il-piena, dik pekunjarja tidher li hija entro l-parametri dettati mill-ligi ghar-reati li taghhom l-appellant instab hati mill-Ewwel Qorti. Dwar l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan , ghalkemm ukoll hija wahda li taqa’ entro l-parametri legali , din il-Qorti thoss li s-sospensjoni ta’ sena kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi . Pero’, trattandosi ta’ offizi ta’ natura gravi “per durata” fuq id-driver tal-car l-ohra, lanqas ma ghandha tkun fil-minimum ta’ tlitt xhur impost mill-ligi. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-periodu tas-sospensjoni ghandu jigi ridott ghal wiehed ta’ sitt xhur.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha biss in kwantu ssospendiet lill-appellant mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien sena w minnflok tissosspendieh milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur li jibdew jghoddu minn-nofs il-lejl tal-lum 3 t’ April, 2003 ; u tikkonfermha ghall-kumplament kemm ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta’ htija taht l-imputazzjonijiet kollha kif ukoll fejn ikkunndannat lill-appellant ghal LM150 multa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------